Programm tal-Festi f'ġieħ

# SAN KORONATU Martri

ĊĊELEBRATI FIL-BAŻILIKA TA'

## San Pietru u San Pawl

In-Nadur

3 - 10 ta' Novembru 2024

### Il-Ħadd 3 ta' Novembru: Jum it-Tfal

**9.45am** Quddiesa speċjali għat-tfal kollha bi preparazzjoni għall-festa ta' San Koronatu, fil-Knisja Bażilika mmexxija mill-Arċipriet il-Kan. Krystof Buttigieg

### L-Erbgħa 6, il-Ħamis 7 u l-Ġimgħa 8 ta' Novembru: It-tlett ijiem tat-Tridu

**5.30pm** Rużarju

**6.00pm** Konċelebrazzjoni mmexxija mill-Kan. Simon M. Cachia, Kappillan tal-Fontana, li fiha jagħmel l-omelija dwar San Koronatu Martri. Wara Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali

### Is-Sibt 9 ta' Novembru: Lejliet il-Festa

**5.00pm** Quddiesa

**6.00pm** Għasar immexxi minn Mons. Salv Muscat, Dekan bis-sehem tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata

**6.30pm** Quddiesa kkonċelebrata mmexxija mill-Arċipriet il-Kan. Krystof Buttigieg bis-sehem tal-Kapitlu u l-Kleru. Wara Antifona u Barka Sagramentali

**8.00pm** *Mnarja Band in Concert*, Kunċert mill-Banda Mnarja taħt id-direzzjoni ta' Mro Dr Joseph Grech fit-Teatru MBC. Dan il-kunċert ser ikun bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tan-Nadur

### Il-Ħadd 10 ta' Novembru: Jum il-Festa

**5.30am** Quddiesa

**6.30am** Quddiesa

**8.30am** Uffiċċju tal-Qari u Lawdi mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata

**9.00am** Quddiesa Solenni mmexxija mill-Arċipriet il-Kan. Krystof Buttigieg u li fiha jagħmel l-omelija Mons. Joe Zammit, Vigarju Ġudizjali, bis-sehem tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata u l-Kleru

**11.00am** Quddiesa

**12.30pm** Ikla ta' San Koronatu fil-*Country Terrace Restaurant* fl-Imġarr, organizzata mill-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira

**4.00pm** Għasar mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata

Wara toħroġ il-Purċissjoni bil-fdalijiet ta' San Koronatu, immexxija mill-Arċipriet il-Kan. Krystof Buttigieg, bis-sehem tal-Kapitlu u l-Kleru. Takkumpanja l-Banda Mnarja. Mal-wasla tal-purċissjoni fil-Knisja, tindaqq l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali.

**7.00pm** Quddiesa

**Infakkrukom li matul ix-xahar ta' Novembru, iċ-Ċimiterji se jkunu miftuħin kuljum mis-7.00am sas-6.00pm.**

Quddies ieħor fil-parroċċa: **6.15am** (fil-Kappella tas-Sorijiet), **7.00am** (fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù), **7.30am** u **9.45am** (fil-Kappella ta' Santa Tereża).

**N.B.** Fit-tlett ijiem tat-Tridu (mill-Erbgħa 6 sal-Ġimgħa 8 ta' Novembru) ma jkunx hawn il-Quddiesa tal-5.00pm u minflok tas-6.30pm se ssir **Quddiesa waħda fis-6.00pm**.

- *Il-Kor tal-Parroċċa 'Jubilate Deo' u l-orkestra ta' lejlet u nhar il-festa jkunu taħt id-direzzjoni ta' Mro Antoine Theuma.*
- *In-Nar tal-Festa se jkun koordinat mill-Għaqda tan-Nar '29 ta' Ġunju'.*

**Grazzi mill-qalb**

Fil-bidu ta' din is-sena nħasset il-ħtieġa li tinbidel il-purtiera l-ħamra tal-bieb il-kbir, peress li d-drapp tagħha kien therra, għalhekk l-Arċipriet Dun Jimmy kien ħaseb biex jixtri drapp damaskat ġdid mid-ditta Bassetti ta' Ruma. Imbagħad fix-xhur tas-sajf ingħata lil Annie Xuereb li għażlet toffri b'xejn ix-xogħol kollu tal-ħjata u d-dekorazzjonijiet li jżejnu l-purtiera l-ġdida tal-bieb il-kbir tal-Bażilika tagħna. Nirringrazzawha tal-ġenerożità u l-ħin tagħha.

Grazzi wkoll lill-Konfraternità tal-Kavallieri ta' San Pietru u San Pawl li offrewlna sett ta' 6 globi tal-ħġieġ għat-toroċ li qed jużaw l-abbatini waqt il-quddies tal-festi, żewġ settijiet ta' globi għall-akkolti u globu ieħor għall-blandun tal-Għid. Hi ħaġa sabiħa li napprezzaw dan l-interess u dawn l-inizjattivi li jkomplu jagħtu dekor u sbuħija liċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi tal-Knisja tagħna.

### Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am